MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 8/2005

Alison Attard

vs

Jeffrey Attard,
Charles Jason Attard,
U għal kull interess li jista'
Jkollha Roberta armla ta' Alfred Attard.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:

Illi missier l-attriċi Alfred Attard, bin Carmel u Maria Assunta nee' Zammit, imwieled Qala, Għawdex, miet fil-Pieta' Malta fil-ħamsa (5) ta' Diċembru elfejn u tnejn (2002) u rregola s-suċċessjoni tiegħu b'testment unika

karta fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000);

Illi f'dak it-testment, Alfred Attard ħalla diversi legali favur tagħkom it-tlett konvenuti, u imbagħad istitwixxa liż-żewġ uliedu Jeffrey Attard u Charles Jason Attard bħala eredi universali tiegħu;

Illi l-attriċi bħala bint oħra ta' Alfred Attard qegħda titlob il-likwidazzjoni u ħlas tal-leġittima spettanti lilha fuq il-wirt ta' missierha, fil-waaqt illi l-konvenuti qegħdin jirrifjutaw illi jħallsu tali leġittima.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Alfred Attard billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk l-assi u d-debiti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Tillikwida l-leġittima spettanti lill-attriċi fuq il-wirt ta' missierha;

3. tikkundannakom tħallsu lill-attriċi din il-leġittima kif hekk likwidata.

4. Tordna l-bejgħ ta' l-assi kompriżi fil-massa ereditarja ta' Alfred Attard sabiex mir-rikavat tkun tista' titħallas il-leġittima spettanti lill-attriċi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Diċembru 2004 kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Il-konvenuti bl-ebda mod ma jopponu l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attriċi u ċioe' sabiex jiġu likwidati l-assi ereditarji ta' Alfred Attard u anke sabiex tiġi stabbilita l-leġittima spettanti lill-istess attriċi;

2. Illi għar-rigward tat-tielet talba ħadd mill-konvenuti ma huwa f'pożizzjoni li jħallas l-ammont ta' leġittima li jista' jkun likwidat stante illi ħadd mill-konvenuti ma għandu l-assi finanzjarji neċessarji sabiex jagħmel dan;

3. Illi għar-rigward tar-raba talba u speċifikatament tal-bejgħ ta' l-assi kompriżi fil-massa ereditarja, din it-talba hija waħda intempestiva stante illi l-uniċi assi ereditarji huma nofs indiviż tad-dar tar-residenza ta' l-istess Alfred Attard liema nofs indiviż il-konvenuta Roberta Attard tgawdi d-dritt ta' abitazzjoni fuqu liema dritt joħroġ mil-liġi u liema dritt ma jistax jitnaqqas;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Jeffrey Attard.

Rat id-digriet tagħha ta' l-20 ta' Ottubru 2006 fejn innominat lill-A.I.C. Valerio Schembri bħala perit tekniku f'din il-kawża.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tal-15 ta' Jannar 2008.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku ppreżentata fl-20 ta' Ottubru 2008 u minnu maħlufa fl-istess ġurnata.

Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Gunju 2009, fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob il-leġittima dovuta lilha fuq l-assi tal-mejjet missierha Alfred Attard. Il-kawża hija magħmula kontra ħutha Charles u Jeffrey li kienu ġew nominati eredi universali ta' missierhom, bis-saħħa tat-testment *unica carta* tiegħu ta' l-4 ta' Ottubru 2000 u kontra ommha l-konvenuta l-oħra, għal kull interess li jista' jkollha, bħala usufruttwarja tal-beni tad-*decujus*, kif nominata bl-istess testment.[1]

Il-konvenuti, għalkemm mhux qed iċaħħdu lill-attriċi mid-dritt li tipperċepixxi din il-leġittima, jikkontendu illi t-talba tagħha kienet intempestiva, u dan għaliex il-konvenuta Roberta Attard, l-armla tad-*decujus* kellha l-usufutt fuq il-beni kollha tiegħu, kif ukoll id-dritt ta' abitazzjoni għal tul ħajjitha fuq id-dar tar-residenza. Barra minn dan, isostnu wkoll illi huma m' għandhomx il-mezzi finanzjarji sabiex f'dan l-istadju jagħmlu l-ħlasijiet dovuti lill-attriċi in konsiderazzjoni ta' dak li jista' jiġi likwidat lilha.

Irriżulta illi l-uniċi beni li kellu d-decujus fl-epoka tal-mewt tiegħu kienu:

(a) sehmu ta' nofs indiviż mid-dar residenzjali fl-indirizz: 129, Triq il-Kunċizzjoni, l-Qala, Għawdex, akkwistata waqt iż-żwieġ, u stmat dan is-sehem mill-perit tekniku, wara li qies ukoll l-usufrutt u dritt ta' abitazzjoni li għandha l-konvenuta Roberta Attard fuqu, tal-valur ta' mija u erbgħin elf euro (EUR140,000); u
(b) sehmu ta' ottava parti (1/8) indiviża mill-fond numru 56, Triq il-Belveder, ġia Triq Hondoq ir-Rummien, Qala, li wara li tqies ukoll l-usufrutt ta' l-armla fuq l-istess fond, ġie stmat tal-valur ta' ħamsa u għoxrin elf euro (EUR 25,000).[2]

Il-konvenuti jissottomettu madankollu illi għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi, għandhom

[1] Ara estratt minn dan it-testment esebit a fol. 10 - 11 tal-process .
[2] ara relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 199 - 203 tal-process .

jitnaqqsu l-benefikati li saru fuq il-fond residenzjali minn Charles Attard bl-għajnuna ta' ħuh Jeffrey, kif ukoll l-ispejjeż tal-funeral li allegatament tħallsu wkoll mill-istess Charles Attard, flimkien ma' s-somma ta' sitt elef lira maltija (Lm6000), li dan kellu jħallas għan-nom ta' missieru in segwitu għal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell f'kawża li ġiet istitwita kontra tiegħu u li kienet intilfet.[3]

Il-Qorti pero' taqbel ma' dak li ssostni l-attriċi f'dan ir-rigward fis-sens illi, ġialadarba l-konvenuti aċċettaw il-wirt ta' missierhom bla ebda kondizzjoni, l-assi tiegħu ġew assimilati f'tagħhom, u allura huma llum ma jistgħux jippretendu li jinsabu kredituri tagħhom infushom. Intqal a propożitu illi:

"*Il-liġi tiddistingwi bejn żewġ metodi ta' aċċettazzjoni ta' eredita', aċċettazzjoni mingħajr kundizzjoni jew bil-benefiċċju ta' l-inventarju. Fl-ewwel każ hemm konfużjoni bejn il-patrimonju tal-mejjet u dak tal-werriet, fis-sens li jsiru patrimonju wieħed. Il-werriet jissuċċidi kemm fl-attiv u kif ukoll fil-passiv. Fl-aċċettazzjoni bil-benefiċċju m'hemmx din il-konfużjoni.*

*Skond l-artiklu 1145 tal-Kodiċi Ċivili, wieħed mill-modi kif jispiċċaw l-obbligazjonijiet hi 'bil-konfużjoni' ċjoe' 'meta l-kwalita' ta' kreditur u ta' debitur jingħaqdu fl-istess persuna, tiġri ipso iure konfużjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu (artikolu 1205). Dan ovvjament għaliex ma jkunx jagħmel sens li kreditur iħallas lilu nnifsu, għalhekk il-pretensjoni ta' suġġett fil-konfront tiegħu nnifsu hi esenzjalment inkompatibbli ma' l-ideja ġuridika ta' obbligazzjoni: 'La confusione puo' verificarsi in seguito ad atti tra vivi (per es. Nella cessione di un azienda verso la quale il cessionario aveva delle partite di debito), oppure nella successione ereditaria - ed e' il caso piu' frequente - per tutti i rapporti in cui l'erede fosse debitore o creditore del defunto. Se gli eredi sono piu' d'uno, il debitore coerede e' liberato soltanto fino alla concorrenza della sua quota ereditaria sul credito che era del defunto.'*

[3] ara kopja tas-sentenza relattiva esebita bhala Dok. K a fol. 54 - 59 tal-pocess, u Nota al-konvenuti tat-30 ta' Gunju 2009 a fol. 235 – 236 .

*(Istituzioni di Diritto Civile, A. Trabucchi - Cedam, Edizzjoni numru 43 (200), pagna 672). Peress li skond l-Artikolu 849 tal-Kodiċi Ċivili l-aċċettazzjoni ta' wirt għandha effett retroattiv, din il-konfużjoni sseħħ b'effett minn dak iż-żmien. Wieħed forsi jista' jistaqsi kemm f'każ ta' aċċettazzjoni ta' wirt bil-benefiċċju ta' l-inventarju l-krediti u d-drittijiet li għandu l-werriet benefiċċjarju kontra d-decujus, jintilfu bil-konfużjoni. Pero' f'dan il-każ il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li aċċettat il-wirt bil-benfiċċju ta' l-inventarju.*

*Fiċ-ċirkostanzai l-qorti hi tal-fehma li l-argument tal-atturi hu validu, in kwantu 'l'effetto estintivo della confusione e' fondato sul venir meno della struttura del rapporto obbligatorio, quale relazione intercorrente tra u debitore e un creditore; la struttura del rapporto obbligatorio viene meno a seguito di una vicenda successoria che riunisce le posizioni di debito e di credito.' (Diritto Civile - l'obbligazjione, Massimo Bianca - Giuffre' Editore (1993) pagna 522). Ġialdarba l-konvenuta hi l-unika werrieta ta' missierha u aċċettat il-wirt mingħajr kondizzjoni, ifisser li bil-konfużjoni spiċċat kwalsiasi obligazzjoni li seta' kellu misserha sabiex iħallasha għall-għajnuna li setgħet tagħtu.*" [4]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, ma jistgħux għalhekk il-konvenuti jippretendu illi dak li setgħu ħallsu għan-nom ta' missierhom, (u nfatti l-benefikati li għamlu fid-dar residenzjali saru fuq proprjeta' li missierhom kellu n-nofs indiviż minnha), għandu issa jiġu ridott mill-assi ereditarji tiegħu. L-istess japplika għall-kreditu li seta' kellu il-konvenut Charles Attard fir-rigward tal-ħlasijiet l-oħra msemmija. L-ispejjeż tal-funeral, ammontanti skond il-konvenuti għas-somma ta' Lm1200, għalkemm huma riduċibbli għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima,[5] ma ġew ikkoroborati b'ebda dokumenti u għalhekk ma jistgħux fi kwalunkwe każ jittieħdu in konsiderazzjoni.

---

[4] ara sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fi-kawża : "Francesca Rapa et vs Mary bajada : 3.03.2009 .

[5] artikolu 620(2) tal-kap. 16 .

Lanqas m'għandu jkun ta' ebda ostakolu għall-ħlas tal-leġittima dovuta lill-attriċi l-fatt li ommha għandha l-użufrutt fuq dawn il-beni u d-dritt ta' abitazzjoni fuq id-dar residenzjali. Skond il-liġi, l-leġittima llum hija konsidrata bħala kreditu kontra l-assi tal-mejjet, u mhux iżjed bħala dritt għall-parti mill-beni tiegħu (*pars bonorum*).[6] L-eżistenza ta' dan l-użufrutt trid biss għalhekk tittieħed in konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex jistabilixxi l-valur ta' l-assi, preċiżament kif għamel il-perit tekniku fil-każ tagħna.[7]

Jirriżulta għalhekk illi l-valur ta' l-assi tad-*decujus* li fuqu trid tiġi komputata l-leġittima dovuta lill-attriċi, hija dik stabilita mill-perit tekniku, mingħajr ebda riduzzjoni, u ċioe': mija u erbgħin elf euro (EUR140,000) għal sehem id-*decujus* mid-dar residenzjali, kif soġġetta għall-użufrutt u dritt ta' abitazzjoni ta' l-armla tiegħu l-konvenuta Roberta Attard, magħdud ma' ħamsa u għoxrin elf euro (EUR25,000) għal sehem id-decujus mill-fond fi Triq il-Belveder, il-Qala, li flimkien iġibu s-somma ta' mija ħamsa u sittin elf euro (EUR165,000). Ma kien hemm ebda kontestazzjoni għal dawn il-valuri kif stabiliti, u din il-Qorti ma tħossx għalhekk illi għandha għalfejn tvarjahom. Billi l-ulied tad-*decujus* kienu tlieta, jiġi li dan l-ammont irid jiġi diviż b'disgħa,[8] u għalhekk iġib: tmintax il-elf tliet mija tlieta u tletin euro (EUR18,333).

Il-konvenuti jsostnu li m'għandhomx il-mezzi finanzjarji biex iħallsu din il-leġittima, u nfatti l-attriċi fir-raba talba tagħha qed titlob li jinbiegħu l-assi tad-decujus biex mir-rikavat tkun tista' titħallas dak dovut lilha. Din it-talba pero' m'għandhiex tintlaqa' awtomatikament u, in vista wkoll tal-fatt li llum, wara l-emendi relattivi fil-liġi, l-attriċi kull ma għandha huwa kreditu kontra l-eredi tad-*decujus*, għandha tingħatalhom il-possibilita' li jagħmlu dan il-ħlas mingħajr il-ħtieġa li jinbiegħu dawn l-assi. Il-bejgħ in liċitazzjoni tagħhom dejjem jista' eventwalment isir f'każ li l-eredi jibqgħu inadempjenti. Billi l-konvenuta Roberta Attard hija sempliċi użufruttwarja, l-leġittima hija dovuta

[6] ara artikolu 615 tal-kap. 16 .
[7] ara rapport peritali ta' l-A.I.C. Valero Schembri a fol.199 – 203 .
[8] artikolu 616(1) tal-kap. 16 .

biss miż-żewġ konvenuti l-oħra bħala l-eredi uniċi tad-*decujus.*

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti,

1. tilqa' l-ewwel talba ta' l-attriċi u tillikwida l-assi tad-*decujus* u tiddikjarahom konsistenti fiż-żewġ proprjetajiet indikati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu;

2. tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-leġittima spettanti lill-attriċi fis-somma ta' tmintax-il elf tliet mija tlieta u tletin euro (EUR18,333);

3. tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti Charles u Jeffrey aħwa Attard sabiex iħallsu lill-attriċi din is-somma kif hawn fuq likwidata;

4. tiċħad ir-raba talba għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.

L-ispejjeż tal-kawża, billi din hija waħda għall-leġittima, li trid titħallas netta lill-attriċi, għandhom jiġu ssoportati nterament mill-istess konvenuti ahwa Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------